Diff: 10/04/2002

# TRIBUNAL GHAT-TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR:**
**Dr Audrey J. Demicoli LL.D.**

**Avviz numru 223/02AJD**

**Tanti Philip et**

**vs**

**Demicoli Michael**

**Seduta mizmuma illum it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2002**

**Louis Wellman prodott mill-atturi, bil-Malti, bil-gurament tieghu jghid:**

**Fit-3 ta' Frar, 2001, jiena kont qed insuq il-vettura tieghi bin-numru tar-registrazzjoni CDB 524, il-Furjana, il-Bombi. Kont involut f'incident**

**ma vettura bin-numru tar-registrazzjoni JOE 319.**

**Waqt li jien u s-sewwieq ta' din il-vettura hrigna mill-vetturi u konna qed nispezzjonaw il-hsara fil-vetturi taghna, rajt il-vettura tal-marka Skoda diehla f'vettura li kienet quddiema, tal-marka Astra u din l-Skoda imbutat din il-vettura tal-ahhar fil-vettura tieghi. Jiena kont qed insuq fil-lane tan-nofs qabel ma hbadt.**

**Nghid illi l-vettura tal-marka Astra kienet qed issuq fuq l-istess lane li kont qed insuq jien, cioe il-lane tan-nofs. Jiena rajt din il-vettura tikser fuq ix-xellug sabiex tipprova tevita il-vettura tieghi qabel ma sehhet il-habta. Jiena rajt l-Skoda diwhla fl-Astra u timbutta fil-vettura tieghi.**

**Kontro-ezami riservat.**

**Din hija is-sustanza tax-xhieda ta' Louis Wellman dettata mit-Tribunal fil-presenza tax-xhud.**

**Niddikjara li ttraskrivejt fis-sewwa u fedelment u fl-ahjar taghrif u hila tieghi r-registrazzjoni tat-tape.**

**Vincent Cauchi**

**Traskrittur**